# Paċi u Ġid

No. 81 - Ġunju 2015



" Life is a journey. When we STOP, things don't go RIGHT. "

Pope Francis

## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Josephine Xuereb



Għeżież qarrejja,

Ninsabu resqin lejn ix-xahar ta' Ġunju, xahar iddedikat lill-Qalb ta' Ġesù. Aħna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, parti mill-Kariżma tagħna hija d-devozzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù. Ġesù li fl-Ewkaristija jinsab ħaj bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità, nifhmu li la hemm ġisem hemm qalb.

Għalhekk, aħna nimpenjaw ruħna biex spiss ngħaddu ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u dak kollu li nagħmlu noffruh bħala riparazzjoni lejn din il-Qalb li tant ħabbet il-bnedmin.

Nixtieq nistieden lilkom, għeżież qarrejja biex tingħaqdu flimkien magħna f'din l-adorazzjoni u riparazzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika, għal tant offiżi li tirċievi minna l-bnedmin, Hu li tant ħabbna li ta ħajtu għalina. Illum aktar minn qatt qabel jeħtieġ li nirriparaw meta din il-Qalb qed tiġi offiża b'tant qtil ta' persuni innoċenti u persekuzzjoni tal-Insara.

Nixtieq nagħlaq bil-kelmiet tal-Fundatriċi tagħna, l-Venerabbli Qaddejja t'Alla Madre Margerita li spiss kienet ittenni:

***"Nixtieqilkom imħabba safja li ttemm kull nuqqas tagħna, u tagħmilna vittmi inqas indenji biex inkunu nistgħu noffru ruħna bħala persuni riparatriċi lill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù."***

**Awguri lis-sorijiet li din is-sena qed jiċċelebraw il-50 u l-25 sena mill-Professjoni Reliġjuża tagħhom. Dawn huma:**

| 50 sena | 25 sena |
|---|---|
| Sr Paolina Aquilina | Madre Provinċjali Sr Josephine Xuereb |
| Sr Adelaide Borg | Sr Annaerica Dell'Agnese |
| Sr Helen Briffa | Sr Doreen Zammit Satariano |
| Sr Cristina Buhagiar | |
| Sr Salvina Callus | |
| Sr Assunta Cassar | |
| Sr Vitoriana De Battista | |
| Sr Stella Di Carlo | |
| Sr Beniamina Fenech | |
| Sr Filippa Gatt | |
| Sr Beatrice Mifsud | |
| Sr Ignazia Said | |
| Sr Rita Spiteri | |
| Sr Paola Vella | |









## Esperjenza li ma ninsa qatt
## Studenti tal-iskola primarja ta' Bormla

### Abner Farrugia:

Nhar it-22 ta' Novembru 2014, kellna quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali ta' Bormla. Din il-quddiesa saret b'ringrazzjament lil Alla tal-125 sena minn mindu Madre Margerita fetħet kunvent ġdid f'din il-Belt. Dak inhar daqqejt id-*drumkit* flimkien ma' żewġ novizzi li daqqew il-kitarri. Kien hemm ukoll kor iffurmat minn sħabi tas-sitt sena. Kien kant speċjali għall-okkażjoni u jien ħassejt ferħ kbir ġewwa qalbi. Din id-darba stajt infaħħar lil Alla bit-talent li Hu stess tani. Għal din il-quddies attendew ħafna mill-għalliema tal-iskola tagħna, studenti, kif ukoll is-sorijiet Franġiskani. Din kienet esperjenza sabiħa ħafna li żgur ma ninsa qatt.

### Daniel Cuschieri:

Waqt il-quddiesa li saret fit-22 ta' Novembru2014 kont eċitat ħafna. Jien flimkien ma' sħabi kantajna waqt din il-quddiesa u fl-aħħar ħadt gost meta kantajna l-innu ta' Madre Margerita. Kienet esperjenza sabiħa li tara dawk in-nies kollha miġburin ħaġa waħda. Inħossni kburi, għax wara tant żmien li għaddejt f'din l-iskola, tajt sehemi f'din l-okkażjoni tant speċjali.

### Julia Gauci:

Nhar is-Sibt 22 ta' Novembru 2014 saret quddiesa fil-knisja ta' Bormla b'ringrazzjament għall-125 sena ta' ħidma tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'Bormla. Il-knisja kienet mimlija daqs bajda u kien hemm atmosfera sabiħa ħafna mżewqa bil-kant tal-kor tat-tfal tal-iskola tagħna. Kien hemm numru ta' qassisin, uħud minnhom anzjani li mexxew din il-quddiesa. L-espressjoni ħelwa u ġenwina fuq wiċċ is-sorijiet Franġiskani li kien hemm preżenti kienet evidenti ħafna. L-għalliema, il-ġenituri u ħafna tfal tal-iskola attendew bi ħġarhom biex jitolbu għas-sorijiet u juru l-apprezzament tagħhom lejhom.

### Maria Emma Buhagiar:

Dakinhar li kellna l-quddiesa ħassejt ferħ kbir u kont parti mill-kor tal-iskola. Kien hemm attendenza sabiħa ta' għalliema, ġenituri, tfal u sorijiet. Għoġbitni ħafna kif kienet imqassma l-quddiesa u kif ippreparawna n-novizzi għall-kant.

### Giulia Caroline Zammit:

Din il-Quddiesa kienet vera sabiħa u kienet tirrappreżenta kemm is-sorijiet ilhom f'din l-iskola. Il-kliem li qalet il-Kap tal-iskola dwar Madre Margerita laqgħat lil kulħadd.

### Luca Gatt:

Dakinhar il-knisja kienet mimlija daqs bajda u kien hemm atmosfera sabiħa. Ħafna studenti, għalliema u ġenituri attendew għal din il-quddiesa speċjali u jien flimkien ma' sħabi tas-6 sena konna qed nagħtu sehemna fil-kor.

### Miguel Gauci:

Il-knisja kolleġġjata ta' Bormla kienet mimlija daqs bajda għal quddies tas-7 ta' filgħaxija. Is-sorijiet Franġiskani iċċelebraw il-125 sena tagħhom ġewwa Bormla. Żgur li din il-quddiesa se nibqgħu niftakruha lkoll.

### Melanie Caruana:

Fil-quddiesa ta' ringrazzjament, aħna kantajna, tlabna u ħadna ħafna pjaċir. Il-qassis għamel kelmtejn sbieħ għall-okkażjoni. Ħafna ġenitrui attendew għal din l-okkażjoni.

# “ Intom il-melħ tal-art...Intom id-dawl tad-dinja.” [Mt:5:13/14]

## Niltaqgħu ma’sorijiet missjunarji f’kontinenti diversi.

*Nov Matlene Hatalan Falzon*

Frażi li laqtitni ħafna fl-ittra ċirkulari lill-persuni kkonsagrati, irġiel u nisa bl-isem Ifirħu! hija, **“Kull fejn hemm persuni kkonsagrati, seminaristi, *nisa u rġiel reliġjużi*, żgħażagħ, hemm issib il-ferħ, dejjem hemm il-ferħ!”** (No 72). Hija sentenza li kont xi ftit sorpriża għall-ewwel li qrajtha, iżda wara li ħsibt xi ftit dwarha, irrealizzajt kemm hija vera, kemm tista’ tkun vera!

Dan l-aħħar iltqajna ma’ persuni li proprju taw xhieda b’ħajjithom stess għal din is-sentenza li Papa Franġisku tant għamel emfażi f’din l-ittra. Dawn huma sorijiet ħutna li ħadmu f’artijiet tal-missjoni fosthom il-Brażil, u l-Etijopja. Niltaqgħu ma’ Sr Giovanna Callus, Sr Salvina Callus u Sr Oliva Spiteri.

***1. Fejn u kemm domt fil-missjoni?***

**Sr Giovanna:** “Jiena kont il-Brażil għal 36 sena.”

**Sr Salvina:** “Għext fl-Etijopja u wara fil-Kenja - b’kollox 35 sena.”

**Sr Oliva:** “Għall-grazzja t’Alla 45 sena ġewwa l-Etijopja, 7 snin ġewwa l-Awstralja u 7 snin ġewwa Ruma fil-*Casa Generalizia*.”

***2. L-Evanġelizzazzjoni, li jitkellem ħafna dwarha Papa Franġisku, mhix xi ħaġa li titwassal biss bil-kliem imma tmur lil hinn minnhekk. Fl-esperjenza tiegħek, din xi tfisser għalik?***

**Sr Giovanna & Sr Salvina:** “Mingħajr l-ebda dubju, il-kliem huwa essenzjali ħafna, iżda meta tkun f’sitwazzjoni simili bħal tagħna, naħseb li l-Kelma t’Alla wassalniha bi ftit atti ta’ mħabba qabel ma bdejna nipridtkaw. Meta jkollok persuni quddiemek li huma neqsin minn ċertu kumditajiet, speċjalment mill-iktar ħaġa bażika eżempju l-ikel, l-ewwel li trid tieħu ħsieb huwa l-uman tagħhom, imbagħad permezz tal-affarijiet konkreti, tasal li twasslilhom lil Ġesù f’ħajjithom.”

**Sr Oliva:** “Bil-kliem tasal, imma l-ewwel u qabel kollox tasal iktar malajr bl-għemil.”

***3. X’kienet l-ewwel reazzjoni tiegħek hekk kif iltqajt ma’ ċerta realtà fl-art tal-missjoni?***

**Sr Giovanna:** “Realtà li lanqas biss toħlomha. F’moħħi kelli tip ta’ missjoni mhux bħal dik li sibt wiċċi magħha meta ġejt wiċċ imb’wiċċ mar-realtà.”

**Sr Salvina:** “Minħabba li f’moħħi minn dejjem kelli li jien irrid immur fil-missjoni, l-ewwel reazzjoni tiegħi kienet ferħ kbir. Oħrajn tismagħhom jgħidulek *“ommi ma!! f’dak il-faqar kif se ngħix?!”*, imma kont lesta għal kollox sa mill-ewwel ġurnata.”

**Sr Oliva:** “Kelli daqsxejn biża’ u nħsadt ftit għax forsi ma kontx ippreparata biżżejjed, imma l-emozzjoni tal-biża’ li kelli ma fixklitnix, anzi drajt speċjalment meta tara bżonn daqshekk kbir.”





















***4. Apparti l-preżenza tagħkom bħala sorijiet f'postijiet fejn in-nies mhumiex daqshekk imdorrija bikom, x'kienet il-ħidma tagħkom qalb dawk li tant kellhom bżonn?***

**Sr Giovanna:** "Bħala sorijiet konna ħafna attivi fil-parroċċa-kellna ħafna xogħol pastorali, maż-żgħażagħ, *rehersals* tal-kor, fost oħrajn. Niftakar li meta s-saċerdot ma kinx ikun preżenti għal xi raġuni jew oħra, kont niġi msejħa biex inbierek it-tebut fil-funerali. Konna mmorru flimkien mas-saċerdot fil-kampanja għal ħabta tat-8pm biex ngħallmu l-katekeżi u l-kant u konna niċċelebraw l-Ewkaristija man-nies tal-post. Ġewwa Rolandja, fil-kulleġġ Sant'Antonio kont ngħallem liż-żgħar. Wara ċertu żmien ġejt mibgħuta għal realtà totalment differenti, fejn flimkien mas-sorijiet oħra u nies lajċi konna nieħdu ħsieb tfal f'*Day Centre* sakemm l'omm taħdem matul il-ġurnata."

**Sr Salvina:** "Fil-bidu konna ngħallmu t-tfal orfni, kif ukoll tfal li kellhom familja. Ta' kuljum konna noħorġu nduru l-familji speċjalment dawk l-iktar foqra u konna neħdulhom xi ħaġa tajba magħna. Ħdimt ukoll ma' nies li kienu morda bil-lebbra. Apparti li konna nieħdu ħsieb lil marid, konna nieħdu ħsieb ukoll lit-tfal tagħhom. Niftakarni nżur lill-priġunieri fil-ħabs u miegħi kont neħdilhom xkora ħobż u flixkun ħalib żgħir kull wieħed. Imbagħad nhar ta' Ħadd konna niġbru n-nisa tat-triq u nitolbu magħhom u filwaqt li nissoċjalizzaw magħhom, nippruvaw ngħaddulhom kelma tajba wkoll."

**Sr Oliva:** "Bħala appostolat, jien kont naħdem bħala infermiera fl-isptar tal-post, infermiera li tagħmel minn kollox mhux biss timmedika lill-pazjenti. Kont naħdem filgħodu u filgħaxija u meta ma kontx inkun *duty* filgħaxija u kien jinqala' xi ħaġa ta' urġenza, kienu jiġu għalija. Imbagħad wara ċertu żmien, kont nieħu ħsieb lill-aspiranti u lin-novizzi."

***5. Jgħidu li meta tagħti tirċievi iktar, saħansitra Ġesù stess jgħidha. Però kemm hija reali din il-frażi?***

**Sr Giovanna:** "Vera, u tassew. Hija frażi attwali ħafna. Kultant ma nemminx li kont kapaċi nagħmel dak kollu li għamilt f'ħajti, però meta nieqaf għal ftit mumenti u nirrifletti, bejni u bejn ruħi ngħid: ***Kemm hi sabiħa ż-żgħożija,*** għax huwa żmien fejn tkun kapaċi tagħti ħafna, u x'ħin tasal għaż-żmien li qed ngħix issa, ngħid li l-Mulej tani ħafna lura."

**Sr Salvina:** "Ħafna! Niftakar li meta kont ngħin b'xi ħaġa materjali, l-għada kont nirċievi ħafna iktar milli tajt. Tirċievi lura ħafna għaliex anke waqt t-talb kont inħoss ċertu ħelsien... Lil Alla kont immissu b'idejja stess, narah, inħossu fin-nies li kont niltaqa' magħhom. Meta tkun fis-sitwazzjoni, temmen aktar fil-Providenza u tgħix fil-veru sens tal-kelma dak l-abbandun totali."

**Sr Oliva:** "Reali ħafna. Aħna konna ngħinu lin-nies, iżda konna nirċievu mingħandhom ukoll. Kienu jirrispettawna ħafna. Miniex ngħid li ma kinx ikollna xi ftit tal-problemi, imma dejjem emmint li kif inti timxi man-nies, in-nies se jagħmlu l-istess. Meta tagħti, Alla jagħtik il-forza, l-għajnuna, il-kuraġġ u kulma jkollok bżonn, basta tafda Fih."

# MADRE MARGERITA TKELLIMNA



Għeżież tfal,

Kif intom? Illum se nkompli ngħidilkom ftit dwar dak li għidtilkom id-darba l-oħra. Dejjem kelli x-xewqa li nħobb lil Ġesù fuq kollox. Kont noqgħod naħdem il-bizzilla, filwaqt li nitkellem ma' Ġesù u nitlob ukoll.





Wasal ż-żmien li ningħaqad mat-tnax-il tfajla li kienu jissejjħu t-Tnax-il stilla tal-Qalb ta' Ġesù. Dun Ġużepp Diacono kien jiġborna biex jagħmlilna laqgħat u wara ż-żmien ta' preparazzjoni għamilt il-wegħda f'idejn l-Isqof biex nimxi wara Ġesù għal dejjem. Bdejt nistudja r-Regola ta' San Franġisk. Kont inqatta' ħafna ħin quddiem Ġesù, nitkellem miegħu u nitlob. Il-kongregazzjoni bdiet tikber u bdejna nifthu l-ewwel djar ġewwa Malta. Birkirkara kienet l-ewwel dar li ftaħna. Sakemm kont Malta, ġewwa d-dar ta' Birkirkara, ħassejt lil Ġesù jgħidli biex nitlaq kollox u mmur lejn Għawdex għax kien qed jiġri xi ħaġa li mhiex tas-soltu. Lanqas ridt nemmen lil għajnejja! Dun Ġużepp beda jibgħat lis-sorijiet lura lejn djarhom! Iżda bil-qawwa ta' Alla, għażilt li nieħu t-tmexxija ta' din il-Kongregazzjoni f'idejja. Matul din it-tmexxija, ftaħna diversi djar ġewwa Malta u Għawdex, imma ma domniex wisq ma bdejna nifthu 'il barra minn xtutna.





L-ewwel dar li nfetħet f'pajjiżi 'il barra minn Malta kienet proprju dik ġewwa Korfù fil-Greċja. Imma mhux biss...Ħafna sorijiet Maltin kienu tant ġenerużi fl-imħabba tagħhom li kienu lesti li jħallu kollox warajhom, saħansitra lil pajjiżhom stess sabiex ikunu jistgħu jgħinu fil-missjoni, fosthom; f'Korfù, Sqallija, Ruma, l-Etiopja. Illum-il ġurnata għandna sorijiet f'Korfù, Sqallija, Etiopja, Ruma, Brażil, Pakistan, Awstralja, London, Ġerusalemm, Kenja, u Filippini.




Ser nieqaf hawn illum tfal. Nixtieq nawguralkom il-vaganzi tajba, iżda tinsewx, ma' Ġesù tieħdux vaganzi anzi ppruvaw li tmorru l-quddies aktar spiss matul is-sajf. Ġesù jkun qed jistennikom.

8< ------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Kompetizzjoni għat-tfal:

1. X'kienet tagħmel Madre Margerita waqt li kienet toqgħod taħdem il-bizzilla?

______________________________

______________________________

2.Ma' liema għaqda ngħaqdet Madre Margerita?

______________________________

______________________________

3. Fejn kienet Madre Margerita meta ħasset lil Ġesù jgħidilha biex tmur Għawdex?

______________________________

______________________________

4. Fejn kienet l-ewwel dar li feħtu barra minn xtutna s-Sorijiet?

______________________________

______________________________

5. Semmi 4 pajjizi fejn jinsabu llum is-sorijet Franġiskani?

______________________________

______________________________

Isem :________________________ Kunjom:____________________

Klassi:________________________ Skola:______________________

# Madre Margerita (N.2)



**Weqfin**

**1.** X'kienet issejjaħlu Madre Margerita lil Ġesù?
**4.** Id-dar tal-... kienet l-iktar dar għal qalb il-Madre Margerita?
**6.** X'kien qiegħed jagħmel Dun Diacono meta Madre Margerita marret lura Għawdex mid-dar ta' Birkirkara?
**8.** X'kienu ġabulhom fil-festa ta' Madre Margerita meta ma kellhomx x'joffrulha?

**Mimdudin**

**2.** X'kien l-ewwel xogħol tas-sorijiet?
**3.** 'Il fejn kienet toqgħod tħares waqt li kienet taħdem il-bizzilla?
**5.** Kemm kellha żmien meta Madre Margerita ħadet it-tmexxija tal-Kongregazzjoni tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'idejha?
**7.** Min jgħidu li kien dak ir-raġel li tahom il-flus li kellhom bżonn biex iħallsu d-dejn li kellhom meta kienu fid-dar tal-Adorazzjoni, ġewwa l-Belt?
**9.** F'liema pajjiż jinsabu s-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fl-Amerika Latina?
**10.** Fl-Afrika, is-sorijiet għandhom kunventi f'żewġ pajjiżi differenti; wieħed fil-Kenja u l-ieħor fl-...
**11.** X'kienet tagħmel Virġinja hi u taħdem il-bizzilla?

Isem :_______________________
Kunjom:_____________________
Klassi:______________________
Skola:_______________________

8< --------------------------------------------------------------------------------

**Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.80 ta' Marzu 2015 u r-rebbieħa huma: Abigail Marmarà Gafà (Yr 2, St Francis Bormla) u Daniel Vella (Yr 6, St Francis Bormla).**

Ir-rebbieħ/a ta' kull kompetizzjoni qed jingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mit-12 ta' Ġunju 2015. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

" Ser jerħi f'idejk liċ-ċkejknin tiegħu biex teħodlu ħsiebhom u tnissel fil-qalb żgħira tagħhom iż-żerriegħa mqaddsa tal-grazzja divina u tal-imħabba vera lejn Alla. "

*Venerabbli Qaddejja T'Alla*
*Madre Margerita*



**Sorijiet Franġiskani**
**tal-Qalb ta' Ġesù**